MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-26 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 630/2011

**Saviour (K.I. 701640M) u Jane (K.I. 101542M) konjugi Galea**

***kontra***

**ZanZara Company Limited (C34881)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors mahluf prezentat fit-30 ta` Gunju 2011 li jaqra hekk –

*1. Illi permezz ta` konvenju datat 22 ta` Jannar 2008 (Dok. A), ir-rikorrenti mpenjaw ruhhom li jbieghu u jittrasferixxu lis-socjeta` intimati, li min-naha taghha mpenjat ruhha li taccetta, tixtri u takkwista, l-ispazju*

*sottopost it-taraf li ghandu l-fond bin-numru ufficjali 88 u bl-isem ta` 'Saviour' fi Triq il-Kapuccini, San Gwann, ai termini tal-pattijiet u kundizzjonijiet hemm kontemplati;*

*2. Illi dan il-konvenju gie mgedded sal-31 ta` Ottubru 2009, sal-31 ta` Ottubru 2010, sal-31 ta` Jannar 2011, sat-30 ta` April 2011 u sal-31 ta` Mejju 2011 (Dok. B, C, D, E u F);*

*3. Illi permezz ta` skrittura privata ohra datata 28 ta` Ottubru 2009 (Dok. G) il-partijiet ftehmu li mal-prezz mifthiem fuq il-konvenju, is-socjeta` intimata ghandha thallas lir-rikorrenti l-imghaxijiet bir-rata ta` 8%, dekorribbli mid-data tal-konvenju hawn fuq imsemmi sal-pagament effettiv;*

*4. Illi oltre diversi interpellazzjonijiet informali, is-socjeta` intimata giet interpellatata biex tersaq fuq l-att finali ta` kompravendita tal-proprjeta` in kwistjoni permezz ta` ittra ufficjali datata 30 ta` Mejju 2011 (Dok. H);*

*5. Illi minkejja dawn it-tentattivi da parti tar-rikorrenti, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti u ma resqitx ghall-imsemmi att finali;*

*Tghid ghalhekk is-socjeta` intimata ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex :*

*1. Tikkundannaha biex taddivjeni ghall-kuntratt rigwardanti l-ispazju sottopost it-tarag li ghandu l-fond bin-numru ufficjali 88 u bl-isem ta` 'Saviour' fi Triq il-Kapuccini, San Gwann, ai termini tal-pattijiet u kundizzjonijiet kontemplati fil-konvenju (Dok. A);*

*2. Tinnomina Nutar Pubbliku biex jircievi u jippubblika l-kuntratt relattiv;*

*3. Tiffissa l-jum, il-hin, u l-lok ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv; u*

*4. Tinnomina kuraturi sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci fuq il-kuntratt relattiv.*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 30 ta` Mejju 2011 (Dok. H), u bl-imghaxijiet ai termini tal-iskrittura datata 28 ta` Ottubru 2009 (Dok. G) kontra s-socjeta` intimata li hija minn issa ngunta in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors mahluf.

Rat illi ghalkemm debitament notifikata bl-atti promotorji u bl-avviz ta` smigh tal-kawza, il-kumpannija konvenuta ma pprezentatx risposta guramentata, u ghalhekk ghandha titqies fi stat ta` kontumacja.

Rat illi fl-udjenza tal-lum baqa` ma deher hadd ghall-kumpannija konvenuta ghalkemm issejjah diversi drabi skond il-ligi.

Semghet lid-difensur ta` l-atturi tiddikjara fl-udjenza tal-lum li l-pozizzjoni ta` l-atturi baqghet dik li kienet fid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat.

Rat l-atti tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati skond il-ligi, din il-Qorti qieghda, fil-kontumacja tal-kumpannija konvenuta, taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –

**1. Tilqa` l-ewwel talba.**

**2. Tilqa` t-tieni talba u tahtar lin-Nutar Dottor Reuben Debono sabiex jircievi u jippubblika l-kuntratt relattiv.**

**3. Tilqa` t-tielet talba u tappunta d-data ta` nhar it-Tlieta 26 ta` Gunju 2012 f`12:00pm ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv.**

**4. Tilqa' r-raba` talba u tahtar lill-Avukat Dottor Chantelle Bonnici sabiex tidher fuq il-kuntratt relattiv sabiex tirrapprezenta lill-eventwali kontumaci.**

**5. Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta` Mejju 2011 u bl-imghax legali ta` tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq il-prezz mifthiem bejn il-partijiet fil-konvenju in kwistjoni, b`effett mit-28 ta` Ottubru 2009.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------